# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 551/2016**

**Appell Numru: 564/2016**

Il-Pulizija

vs

**Johan Brincat**

detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 589177(M).

Illum, 7 ta' Marzu, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant/ l-appellat Johan Brincat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-28 ta' Marzu, 2016 ghal habta ta' 11.15 hrs. u fil-gimghat ta' qabel bil-vettura LGV 198 gewwa Triq Dun Karm, Birkirkara, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) ghamel, ordna jew gieghel li jsir tibdil fil-body, inkluz kemm jistghu jitghabbew passiggieri bil-qeghda jew l-arrangamenti tas-sedili tal-passiggieri, jew xi tibdil mekkaniku fix-chassis jew fil-magna ta' xi vettura bil-mutur minghajr l-approvazzjoni miktuba ta' l-Awtorita`;

2) bil-hsieb li jevadi t-taxxa ta' registrazzjoni dovut jew li tista' ssir dovuta, naqas milli jaghti xi avviz minn dawk li jista' jinhtieg li jaghti skont l-artikolu 4 jew 10(1) tal-Kapitolu 368 jew ta avviz bhal dak jew fi stqarrija li ghamel lill-Awtorita` ghall-ghanijiet ta' dan l-Att [Kapitolu 368], taghrif li kien jaf li ma kienx korrett jew shih f'xi dettal materjali;

3) minghajr l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorita`, zied in-numru tas-sedili fil-vettura, biddel jew wettaq xi tibdil fil-vettura li ma kienux imnizzla fic-certifikat ta' registrazzjoni;

4) bil-hsieb li jevadi t-taxxa ta' registrazzjoni dovut jew li tista' ssir dovuta, naqas milli jaghti xi avviz minn dawk li jista' jinhtieg li jaghti skont l-artikolu 4 jew 10(1) tal-Kapitolu 368 jew ta avviz bhal dak jew fi stqarrija li ghamel lill-Awtorita` ghall-ghanijiet ta' dan l-Att [Kapitolu 368], taghrif li kien jaf li ma kienx korrett jew shih f'xi dettal materjali;

5) saq, gieghel jew halla l-imsemmija vettura u naqas li jinforma lill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta dwar it-tibdil fil-kulur tal-vettura, kif ukoll naqas li jippresenta lill-Awtorita` c-certifikat ta' registrazzjoni biex isir it-tibdil mehtieg fih;

6) bhala sid tal-vettura bil-mutur, wettaq jew ippermetta lil xi persuna ohra twettaq xi addizzjoni, modifika jew addattament fir-rigward tal-vettura minghajr awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Awtorita`;

7) bhala persuna [sic!] ghamel, jew naqas milli jaghmel jew ippermetta li jsir jew li naqas milli jsir xi haga jew xi att bil-hsieb li jevadi jew jipposponi l-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni kontra l-ligi.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li tordna l-konfiska bhala parti formanti mill-*corpus delicti* ai termini ta' l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali u l-artikolu 21(2) ta' l-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Novembru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-Ligijiet ta' Malta, lliberatu mill-akkuzi numru wiehed (1), hamsa (5), sitta (6), u sabitu hati tal-akkuzi numru tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u sebgha (7) u mmultatu multa komplessiva ta' €38,818.82.. Ma ordnatx il-konfiska tal-vettura kif titlob il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Johan Brincat ipprezentat fil-25 ta' Novembru, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza msemmija billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabitu hati ta' l-akkuzi numru tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u sebgha (7) u fejn ikkundannatu ghal multa komplessiva ta' € 38,818.82 u tikkonfermaha fil-bqija b'dan li tilliberah minn kull htija u piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fit-30 ta' Novembru, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

a. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkużi numru tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4) u sebgħa (7) miġjuba kontrih filwaqt li lliberatu mill-akkużi numru wieħed (1), ħamsa (5) u sitta (6) miġjuba kontra tiegħu,

b. Tgħaddi sabiex tirrevokaha u tħassarha f'dik il-parti fejn il-Qorti ma ordnatx l-konfiska tal-vettura u tipprosegwi sabiex tinfliġġi piena kontemplata fil-liġi għar-reati li tagħhom l-appellat ġie misjub ħati, cioe' tordna l-konfiska tal-vettura msemmija ai termini tal-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellant Johan Brincat u cioe':-

Illi l-aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-elementi formali u materjali ta' l-erba' reati li taghhom l-esponent gie misjub hati ma rrizultawx mill-provi. Ghall-finijiet ta' kjarezza dawn ir-reati ser jigu trattati *seriatim*.

- *Artikolu 21(1)(b) ta' l-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur*

Illi qed jigi ccarat ghal kull buon fini li ghalkemm fic-citazzjoni notifikata lill-esponent, ghar-rigward tat-tieni imputazzjoni, gew indikati kemm il-paragrafu (a) kif ukoll il-paragrafu (b) tas-subinciz (1) ta' l-artikolu 21, l-imputazzjoni effettivament addebitata lill-esponent hija dik kontenuta fil-paragrafu (b) u s-sottomissjonijiet fir-rigward ser jigu ghalhekk arginati ghal din id-disposizzjoni.

Illi l-element formali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-hsieb li wiehed jevadi t-taxxa ta' registrazzjoni. L-element materjali jikkonsisti jew (i) fin-nuqqas li wiehed jaghti avviz kif mehtieg skont l-artikolu 4; jew (ii) fin-nuqqas li wiehed jaghti avviz kif mehtieg skont l-artikolu 10(1); jew (iii) fin-nuqqas li wiehed jaghti avviz kif mehtieg skont l-artikolu 18(1)(g)[1]; jew (iv) fil-fatt li wiehed jaghti f'avviz bhal dak jew fi stqarrija li jaghmel lill-Awtorita` ghall-ghanijiet ta' l-Att taghrif li jkun jaf li ma jkunx korrett jew shih f'xi dettal materjali.

Illi l-element materjali ta' kull wiehed minn dawn l-erba' ipotesijiet hija manifestament nieqsa f'dan il-kaz. L-ewwel ipotesi tirrigwarda l-avviz li jrid jinghata minn min jimporta jew idahhal vettura bil-mutur f'Malta jew minn min jimmanifattura vettura bil-mutur f'Malta. Ma huwiex kontestat li l-vettura *de quo* ma gietx la impurtata la mdahhla u lanqas manifatturata mill-esponent. It-tieni ipotesi tirrigwarda awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Awtorita` ghat-twettieq ta' addizzjoni, modifika jew adattament fir-rigward ta' vettura. Irrizulta car mill-provi li l-vettura nxtrat mill-esponent ezattament kif nstabet fit-28 ta' Marzu tas-sena 2016. L-esponent ma

[1] Din it-tielet ipotesi, ghalkemm indikata fid-disposizzjoni msemmija, ma gietx addebitata lill-esponent fic-citazzjoni.

ghamel ebda addizzjoni, modifika jew adattament fil-vettura *de quo* u kwindi ma kellu ebda bzonn ta' awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Awtorita`. Dan isib konferma anke fil-fatt li gie lliberat mill-ewwel imputazzjoni u mis-sitt imputazzjoni. It-tielet ipotesi, li ma gietx addebitata lill-esponent, tirrigwarda vetturi li jintuzaw minn persuni li ghandhom r-residenza normali taghhom f'Malta ghal perijodu ta' mhux aktar minn tletin gurnata konsekuttivi – ipotesi li ma tapplikax ghall-vettura *de quo*. Ir-raba' ipotesi, kif inghad, tirrigwarda lil min jaghti f'avviz bhal dak jew fi stqarrija li jaghmel lill-Awtorita` ghall-ghanijiet ta' l-Att taghrif li jkun jaf li ma jkunx korrett jew shih f'xi dettal materjali. L-esponent qatt ma ta avviz bhal dawk imsemmija fl-ewwel tlett ipotesijiet peress li ma kienux japplikaw ghalih kif spjegat hawn fuq u ma ghamel ebda stqarrija lill-Awtorita`, wisq inqas stqarrija li kien jaf li ma kienitx korretta jew shiha f'xi dettal materjali.

Illi huwa ghalhekk bl-akbar rispett car li l-esponent kellu jigi lliberat mit-tieni imputazzjoni li tirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 21(1)(b) ta' l-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur.

- *Artikolu 21(1)(g) ta' l-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur*

Illi l-element materjali ta' dan ir-reat, it-tielet wiehed addebitat lill-esponent, jikkonsisti fl-att li wiehed, minghajr l-awtorizzazzjoni ta' l-Awtorita`, izid in-numru ta' sedili fil-vettura, ibiddel jew iwettaq xi tibdil fil-vettura li ma jkunux imnizzla fic-certifikat ta' registrazzjoni.

Illi qed jigi ribadit ghal kull buon fini li rrizulta mill-provi li l-vettura *de quo* nxtrat mill-esponent ezattament kif nstabet fit-28 ta' Marzu tas-sena 2016 u ghalhekk din l-imputazzjoni ma tista' qatt tirrizulta. Infatti, kif gja` nghad, l-esponent gie lliberat mill-ewwel imputazzjoni u mis-sitt imputazzjoni. Kwindi l-esponent kellu jigi lliberat ukoll mit-tielet imputazzjoni li tirrigwarda r-reat kontemplat fl-artikolu 21(1)(g) ta' l-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur.

- *Artikolu 21(1)(b) ta' l-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur*

Illi r-raba' imputazzjoni addebitata lill-esponent tikkontjeni r-reat kontemplat fil-paragrafu (b) tas-subinciz (1) ta' l-artikolu 21 – cioe` l-istess reat bhal dak kontemplat fit-tieni imputazzjoni. Il-paragrafu indikat fic-citazzjoni notifikata lill-esponent huwa l-paragrafu (o) ta' dan is-subinciz pero` d-dicitura hija dik tal-paragrafu (b).[2] Ghalhekk, a skans ta' ripetizzjoni inutili, l-esponent jaghmel pjena referenza ghal dak li ntqal fir-rigward tal-paragrafu (b) *supra*.

- *Artikolu 21(1)(d) ta' l-Att dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur*

Illi l-element formali ta' dan ir-reat, is-seba' wiehed addebitat lill-esponent, jikkonsisti fil-hsieb li jigi evaz jew pospost l-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni kontra l-ligi. L-element materjali jikkonsisti fil-fatt li wiehed jaghmel jew jonqos milli jaghmel jew jippermetti li ssir jew tonqos milli ssir xi haga jew xi att bil-hsieb imsemmi.

Illi bilkemm hemm ghalfejn jinghad li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li l-esponent ghamel jew naqas milli jaghmel jew ippermetta li ssir jew naqas milli ssir xi haga jew xi att bil-hsieb li jigi evaz jew pospost l-hlas tat-taxxa ta' registrazzjoni kontra l-ligi. Il-prosekuzzjoni trid tipprova wkoll x'kien dan in-nuqqas ta' l-esponent. Mill-atti ma jirrizulta xejn. Anzi jirrizulta minn dak li ntqal iktar 'l fuq li l-obbligi li l-prosekuzzjoni qed tissottometti li kienu jinkombu lill-esponent, kienu semmai jinkombu lil min importa l-vettura fis-sena elfejn u erbatax (2014). Jinghad bla pregudizzju li lanqas ma rrizulta dak prospettat mill-prosekuzzjoni u accettat mill-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza appellata li l-vettura *de quo* kienet qed tintuza ghall-garr ta' passiggieri. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li din l-allegazzjoni – jew kongettura – kellha tigi

---

[2] Id-dicitura tal-paragrafu (b) u tal-paragrafu (o) hija pjuttost simili. Pero`, filwaqt li l-paragrafu (b) jaghmel referenza ghal "taghrif", il-paragrafu (o) jaghmel referenza ghal "informazzjoni". It-test Ingliz taz-zewg paragrafi huwa identiku.

ppruvata mill-prosekuzzjoni sal-grad tac-certezza morali. L-allegazzjoni baqghet kongettura in kwantu x-xhud ta' l-istess prosekuzzjoni PC 1289 Andrei Cassar spjega li s-*seats* tal-vettura kienu effettivament imnizzlin. Jinghad bl-akbar rispett li r-ragunament fis-sentenza appellata hija *non sequitur*. Il-fatt li s-*seats* ma jkunux maqlughin u jkun hemm is-*seatbelts* ma jfissirx li l-vettura tkun qed tintuza ghall-garr tal-passiggieri. Din l-allegazzjoni kellha tigi ppruvata mill-prosekuzzjoni sal-grad imsemmi. Kongettura jew suspett ma hijiex prova. Wara kollox kienet l-istess Awtorita` li rregistrat il-vettura sabiex tintuza ghall-skopijiet kummercjali u fin-nuqqas ta' prova li ma kienitx qed tintuza ghal dan l-iskop jew fin-nuqqas ta' prova li effettivament kienet qed tintuza ghal skop iehor – bhalma huwa l-garr ta' passiggieri – l-esponent kellu jigi lliberat ukoll minn din l-imputazzjoni.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali u cioe':-

Illi fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u Sittax (2016), l-esponent Avukat Ġenerali irċieva l-atti tal-kawża odjerna u ħassu aggravat bihom in kwantu li l-piena mogħtija mill-Qorti inferjuri kienet, minħabba fix-xorta jew kwantita' tagħha, differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reat li dwaru l-appellat instab ħati. Għaldaqstant l-esponent qiegħed jintavola dan l-umli appell a bażi ta' dak li jipprovdi l-artikolu 21(3) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għal kull buon fini l-esponent jirrileva li dan l-appell huwa limitat dwar il-piena nflitta mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati.

Illi l-esponent iħossu aggravat mis-sentenza appellata in kwantu li filwaqt li jaqbel fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija, u liberazzjoni fl-akkużi kif dedotti, madanakollu <u>l-Ewwel Onorabbli Qorti kkundannat lill-appellat għal piena li ma taqax taħt il-parametri previsti mil-liġi.</u> Infatti fost l-akkużi dedotti kontra tiegħu, l-appellat ġie misjub ħati ta' l-imputazzjoni numru tnejn (2) u cioe' li bil-ħsieb li jevadi t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovut jew li tista ssir dovuta, naqas milli jagħti xi avviż minn dawk li jista' jinħtieġ li jagħti skont l-artikolu 4 jew 10(1) tal-Kapitolu 368 jew ta avviż bħal dak jew fi stqarrija li għamel lill-Awtorita għall-għanijiet ta' dan l-Att, tgħarif li kien

jaf li ma kienx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali bi ksur ta' l-Artikolu 21(1)(a)(b) tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 368 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola hekk:

***21.*** *(1) Kull min-*
*(a) mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità jew bi ksur ta' xi kundizzjoni li taħtha setgħet ingħatat dik l-awtorizzazzjoni, ikollu fil-pussess tiegħu, juża jew jippermetti li tintuża jew ibiegħ jew xort'oħra jittrasferrixxi jew joħroġ jew jippermetti li tinħareġ minn xi depożt tad-dwana jew ineħħi jew jippermetti li titneħħa minn xi mkien fejn vettura bil-mutur tkun ġiet manifatturata xi vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet reġistrata bis-saħħa ta' dan l-Att; jew*

*(b) bil-ħsieb li jevadi t-taxxa ta' reġistrazzjoni dovuta jew li tista' ssir dovuta jonqos milli jagħti xi avviż minn dawk li jista' jinħtieġ li jagħti skont l-artikolu 4 jew lartikolu 10(1) jew l-artikolu 18(1)(g) jew jagħti f'avviż bħal dak jew fi stqarrija li jagħmel lill-Awtorità għall-għanijiet ta' dan l-Att tagħrif li jkun jaf*
*li ma jkunx korrett jew sħiħ f'xi dettall materjali; jew*

*ikun ħati ta' reat u meta jinstab ħati jeħel multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew daqs darbtejn l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni f'perikolu, skont liema tkun l-aktar, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.*

*(2) <u>Meta wieħed jinstab ħati ta' reat imsemmi fis-subartikolu (1)(a) jew (b), il-qorti **għandha**, b'żieda mal-piena stabbilita fis-subartikolu msemmi, tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur li dwarha jkun sar ir-reat</u>[3].*

Illi mid-diċitura ta' dawn l-artikoli hawn kwotati l-piena preskritta mil-Liġi għall dan ir-reat hija ta' multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew daqs darbtejn l-ammont tat-

[3] Sottolinear tal-esponent.

taxxa ta' reġistrazzjoni f'perikolu, skont liema tkun l-aktar, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien[4], *di piu'* meta persuna tinstab ħatja taħt l-artikolu 21(1)(a) jew (b) il-qorti **għandha**, b'żieda mal-piena stabbilita tordna l-konfiska tal-vettura bil-mutur li dwarha jkun sar ir-reat[5]. L-artikolu 21 (2) tal-Kapitolu 368 ma jagħtix diskrezzjoni lill-Qorti jekk tordnax il-konfiska o meno, u għaldaqstant il-konfiska hija mandatorja.

Illi huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa ndesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fondata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti.

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija wkoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom ***Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio***[6], Il-***Pulizija vs. Jeremy James Farrugia***[7] u ***Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina***[8]**.** Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena nflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ il-**Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar, 2001, fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. <u>Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-</u>*

---

[4] Art. 21(1) ta' Kap 368

[5] Art. 21(2) ta' Kap 368

[6] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003.

[7] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003).

[8] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).

*<u>ligi ghar-reat in ezami</u>,*[9] *jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati,* ***<u>jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi</u>.*** *."*[10]

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarju u billi ma saritx it-traskrizzjoni tax-xiehda li offrew id-depozizzjoni taghhom quddiem l-ewwel Qorti, din il-Qorti kellha terga tisma' mill-gdid il-provi prodotti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellant fit-28 ta' Marzu, 2016 kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Audi Q7 bin-numru tar-registrazzjoni LGV 198. Din kienet registrata bhala vettura kummercjali u waqt l-ispezzjoni s-seat ta' wara kien catt.

Illi din il-vettura kienet giet impurtata f'Malta bhal vettura kummercjali fis-sena 2014 u it-taxxi kollha dovuti gew imhallsa fid-data ta' l-importazzjoni. Jirrizulta li l-importatur kienet biegh din il-vettura lil Alfred Mansueto li min-naha tieghu biegh lill-appellant.

Illi l-prosekuzjoni ma resqet ebda prova li l-appellant kien jaf li din il-vettura ma kinitx registrata skont il-ligi. Ix-xjenza tal-appellant hi necessarja biex tigi radikata r-esponsabilita' tieghu ghall-evazjoni tat-taxxa dovuta skont l-artikolu 21(1)(a)(b)(c)(d) tal-Kapitolu 368 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[9] Sottolinear tal-esponent.

[10] Sottolinear / enfasi tal-esponent.

Illi l-Avukat Generali appella mil-fatt li l-ewwel Qorti ma ordnatx il-konfiska tal-vettura in kwistjoni.  Il-fatt li l-appellant ma jistax jinstab hati tal-akkuzi dwar l-evazjoni ta' taxxa jgib il-konsegwenza li l-appell tal-Avukat Generali ma jistax jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant ma nstabx hati tal-ewwel (1), tal-hames (5) u tas-sitt (6) akkuza migjuba kontra tieghu. Tilqa l-appell ta' Johan Brincat.  Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata dwar it-tieni (2), it-tielet (3),  ir-raba' (4) u is-seba' (7) akkuza migjuba kontra tieghu u tehles lill-appellant minn kull htija u piena.  Tichad l-appell tal-Avukat Generali.